**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Lulju 2023

Każ Numru: 320/2022

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Eman Hayman)

**Vs**

**Muscat Kurt**

(Detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 36000L)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, Kurt Muscat ta' 22 sena iben Alfred u Marisa nee' Agius li twieled ġewwa l-Pietà nhar it-tnejn u 20 ta' Jannar, 2000 iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz Blokk G, Flat 14, Triq Jean Houel, San Ġiljan, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 36000L, ossia:

*"...talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 fil-ħinijiet ta' bejn 11am u 12pm ġewwa San Ġiljan*

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tqila minnu Omissis f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża*

*ta' natura ħafifa fuq persunta, hekk kif iċċertifikat minn Dr Ryan Camilleri (Med Reg 3872)*

2. *Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Omissis jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-kodiċi.*
3. *Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Omissis jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni*
4. *Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil Kurt Muscat bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet mitluba:

1. Toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Kurt Muscat a benefiċċju ta' Omissis u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-artiklu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. F f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Omissis jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kurt Muscat billi tapplika l-artiklu 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Kurt Muscat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xierqa.
3. F'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta il-kunsens tiegħu skont l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-każ ta' Kurt Muscat jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll li skont l-eżami tal-persuna eżebit a fol 24, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat l-assenjazzjoni li saret mis-S.T.O. il-Prim Imħallef fid-9 ta' Marzu, 2023 skont l-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), li biha dawn il-proċeduri ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta, hekk kif jirriżulta mil-verbal tat-2 ta' Ġunju 2023.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tad-difiża u rat illi skont ma jirriżulta mil-verbal ta' nhar it-3 ta' Lulju 2023, il-prosekuzzjoni irrimettiet ruħha għall-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat:**

## A. <u>Fatti tal-każ</u>

Dan il-każ jittratta allegat argument li nqala bejn l-imputat u l-allegata vittma, tfajla minorenni ta' sbatax il-sena li allegatament kellha sitt xhur tqala mir-relazzjoni tagħha mal-imputat, fejn din tal aħħar sofriet xi ġrieħi ħfief salv komplikazzjonijiet hekk kif iċċertifikat mit-tabib tal-emerġenza fl-isptar Mater Dei. Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Istqarrija ta' Kurt Muscat datata 15 ta' Ġunju 2022,** fejn fiha stqarr li Omissis kienet ikkaġunat il-ġrieħi mertu ta' dan l-inċident fuqha nnifisha. Li hu fl-ebda mument ma hedded li Omissis jew lill-ommha, anzi kien hu li safa mhedded minn ċertu Toni Agius u li dwar dan kien irrapporta fl-għassa ta' San Ġiljan u li hu kien jibża minn omm l-allegata vittma u mill partner tagħha.

2. **L-allegata vittma Omissis** fix-xhieda tagħha bil-ġurament sostniet li għada tħobb lill-imputat u li għalkemm ma tafx f'hiex inhi r-relazzjoni tagħha miegħu peress li ilha ma tkellmu ftit, hi xtaqet taħfirlu u twaqqaf il-proċeduri kontra tiegħu. Hi sostniet li kienet welldet t-tarbija li allegatament missierha hu l-imputat, u li din ittiħditilha. Hi ssemmi ukoll li kienet tirċievi telefonati mingħand l-imputat 'Mount Carmel' u kienet taqtalu.

3. **L-ispettur Eman Hayman** xehed bil-ġurament li hu kien l-uffiċjal investigatur f' dan il-każ, li filwaqt li kkonferma d-dokumenti ppreżentati minnu stess fl-atti tal-proċess, skont ma jirriżultaw mil verbal tas-seduta tas-16 ta' Ġunju 2023, huwa addizzjonalment ppreżenta żewġ Cd's immarkati bħala Dok EH9 b'recordings ta'

telefonati mill-Control Room tal-Pulizija u Dok EH10 b'estratt ta' xi video recordings tal-bodycam tal-Pulizija.

**Il-Qorti eżaminat ir-recordings:**

Dok EH9 hija CD kontenenti żewġ audio clips. Fl-ewwel audio recording jinstema leħen raġel li allegatament huwa leħen l-imutat iċempel hu stess lil-pulizija fuq in-numru tal-emerġenza 112 u jinstemax jgħid *"Hello. Qabbadni ma l-għassa San Giljan hi. Ma tistax? Urġenti ħahna. Urġenti hi aw it-tfajla, [enfażi tal-Qorti] ma nafx x'ġara balla għajjat u hekk qabbadni naqra għamilli pjeċir."* Fit-tieni audio recording imbgħad jinstema l-istess leħen jikkonferma li huwa jismu Chris. Dan it-tieni recording presubbilment huwa wieħed intiż biex jiġi kkonfermat min għamel it-telefonata fuq il-linja tal-emerġenza tal-pulizija 112.

Dok EH10 hija CD kontenenti audiovisual recording estratt mill-bodycam tas-surġent tal-Pulizija li ħadet ir-rapport fuq il-post u jirrisali għal ħin li l-argument bejn l-imputat u l-allegat vittma kien għadda u dawn jidher li kienu diġà reġgħu irranġaw u kienu qed jitkellmu ma xulxin.

Id-difiża għażlet li ma tipproduċi l-ebda prova. Huwa prinċipju stabbilit li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha sal grad rikjest mill-liġi, jiġifieri dak 'beyond reasonable doubt' u l-imputat m'għandu għalfejn jipprova xejn. Huwa għandu kull dritt li jistrieħ fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, u n-nuqqas ta' prova sal grad rikjest mill-liġi timmilita favur l-innoċenza tiegħu.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar il-prosegwiment tal-proċeduri</u>

Din il-Qorti kif presjeduta qabel xejn se tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-fatt li waqt ix-xhieda tal-allegata vittma, hija tisħaq li trid taħfer lill-imputat u li trid twaqqa l-każ. L-artikolu 543(e) tal Kodiċi Kriminali jistipola hekk:

> *"543. Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata,f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin*
>
> *(e) il-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*

*Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ."*

Din il-Qorti tinnota li għalkemm l-allegata vittma waqt ix-xhieda tagħha tagħmel l-imsemmija talba, il-Qorti ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha u baqgħet għaddejja bil-proċeduri. Ix-xhieda tal-allegata vittma kienet waħda xotta, u kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll il-Qorti f' dak l-istadju, kunsidrati ċ-ċirkustanzi u d-dinamika tal-każ, diġà kienu jafu li l-imputazzjonijiet ma setgħux jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi fin nuqqas ta' prova inekwivoka dwar dak li ġara bejn l-imputat u l-vittma.

## C. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u

tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **Il-Qorti se tikkunsidra t-tlett imputazzjonijiet flimkien** tenut kont tar-riżultanzi għal fini ta' speditezza.

   Dan il-każ huwa immarkat b' nuqqas ta' provi. Biss din il-Qorti xorta se tanalizza l-provi li għandha quddiema anki jekk dawn huma provi indizzjarji jew ċirkostanzjali. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, deċiża fil-5 ta' Lulju 2002:

   > *"Il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in*

*bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit tal-univoċita tagħha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju* ***raġjonevoli*** *fir-rigward għandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur inkluż dak kollu li jgħid bil-ġurament u d-dokument partikularment l-Incident Report tal-Pulizija jammontaw għal *hearsay evidence* biss, xhieda fuq kliem ħaddieħor. L-Artikolu 598 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, applikabbli fil-proċeduri kriminali permezz tal-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali, huwa ċar u inekwivoku, u fin-nuqqas ta' xi ċirkostanzi eċċezzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 599 tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din il-Qorti m'għandhiex tieħu qies tagħhom. Iċ-ċertifikati mediċi jkunu utli bħala prova ġaladarba l-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova min ikkaġuna l-feriti. Hawn ukoll kieku kellha tasal f'dak l-istadju l-Prosekuzzjoni kien ikollha ntopp peress li t-Tobba ma xehdux f'dawn il-proċeduri. Il-fedina penali tal-imputat, imbagħad tidħol fix-xena fi stadju ulterjuri tal-proċedura. L-Uffiċjal Prosekutur però kif ingħad hawn fuq ippreżenta xi CDs b' filmati tal bodycam tal-Pulizija u audio recordings oħra, li din il-Qorti analizzat b' reqqa.

Din il-Qorti kif diversament preseduta diġà kellha l-opportunita tippronunzja ruħha dwar il-prova li toħroġ mil-bodycam li tintlibes mil-pulizija eżekuttiva u dwar l-importanza u l-effikaċa tagħha. **Il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza ta' nhar l-10 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Elliot Magro) kontra James Abela** irriteniet:

*"Il-Qorti fil-każ in diżamina sejra tagħti piż sostanzjali lir-riżultanzi tal-filmati tal-bodycams tal-Pulizija peress illi dawn huwa ferm utili sabiex jiġi stabbilit dak li effettivament intqal u seħħ matul it-tfittxija imwettqa mill-Pulizija u mill-uffiċjali tal-ERA għaliex juru l-fatti kif żvolġew u l-kliem preċiż li ntqal, u b'hekk jeliminaw kull dubju dwar dak li jista' ma jirriżultax b'mod univoku jew inekwivoku mix-xhieda. Dawn huma provi ammissibbli li baqgħu ma ġewx kontestati mid-difiża li ma qajmet l-ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibbilita' tagħhom bħala prova. F'kull każ, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-*

*ammissibbilita' u l-piż probatorju li għandu jingħata lil dawn id-dokumenti għall-fini tal-evalwazzjoni tal-provi anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.*

*In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq video footage elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-*

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479)."[ Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614]*

*Fil-kawża appena msemmija mill-Blackstone, Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-*

*"Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"[ Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fabio Schembri]*

Għalkemm il-Qorti mil-filmat tal-bodycam (Dok EH10) m'għandiex il-possibbiltà li tixtarr dwar l-inċident propju, u allura dwar l-imputazzjonijiet peress li xħin waslet fuq il-post is-Surġent tal-Pulizija li kienet qed iġġorr il-bodycam li minnha ġie estratt il-filmat hawn imsemmi, l-affarijiet kienu sa ċertu punt ikkalmaw, hija setgħet tikkorabora ċertu elementi dwar il-verżjonijiet tax-xhieda kif ukoll tal-persuni mitkellma mil-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet, bħal dik ta' omm l-allegata vittma kif ukoll tal-verżjoni tal-vittma li ngħatat lil-pulizija a *tempo verġine* jew ftit wara. Biss il-valur probatorju ta' dawn il-provi hu dak li hu u mhux bilfors iwassal għal livell ta' prova rikjesta mil-liġi.

Il-Qorti madanakollu mill-imsemmija filmat ma setgħetx ma tinnotax il-biża tal-allegata vittma, mhux għaliha innifisha iżda għat-tarbija li kienet qiegħda ġġorr. Hi tinstema tgħid *"mhux se jeħduwieli?"* b'referenza għat-tarbija, kif ukoll li *"diġà pprova jgħaddini ta' miġnuna"*. Minkejja dan, dak il-ħin stess l-allegata vittma riedet li l-imputat jmur magħha l-isptar. Is-Surġent tal-Pulizija, li ċertament għandha esperjenza dwar każijiet ta' vjolenza domestika, ukoll tinstema' kemxejn mistaġba għal fatt li l-imputat u l-allegata vittma kienu diġà rranġaw. Waqt ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti joħroġ ċar li għalkemm l-allegata vittma tistqarr li kienet ilha xi ftit ma tkellem lill-imputat, u ma kienitx taf eżattament f'hiex kienet ir-relazzjoni tagħha miegħu, hija tistqarr fix-xhieda tagħha li kienet għadha tħobbu. Din il-Qorti hija mħassba u tifhem li dak li kienet qiegħda tagħmel l-allegata vittma, ma jistax ma jiġix interpretat bħala attentat sabiex issalva dak li kien għad fadal mir-relazzjoni ta' bejniethom.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Uffiċjali tal-Pulizija u l-Uffiċjal Prosekutur mexxa dan il-każ bl-akbar reqqa mill-istadji inizjali tiegħu, u li kieku ma kienx għar reluttanza tal-allegata vittma, u l-biża tagħha li tidher li tappnitilha l-fakultajiet analitiċi tagħha, l-eżitu ta' dan il-każ jaf kien ikun differenti.

Illi madanakollu din il-Qorti wara li analizzat il-provi kollha, tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat sal-grad rikjest bil-liġi, u sejra tilliberah mill-ewwel sat-tielet imputazzjoni. Ir-raba imputazzjoni, jiġifieri r-reċidiva tiddependi mis-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet l-oħra jew xi waħda minnhom, oltre provi oħra, u għaldaqstant din ma tistax tiġi applikata fil-konfront tal-imputat, u sejra tilliberah minnha wkoll.

**D. <u>Deċide</u>**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 221(1), 339(d) u (e), 382A, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante nuqqas ta' provi qiegħda tillibera lill-imputat Kurt Muscat, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 36000L, mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Dr Kevan Azzopardi B.A. LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**